**10 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Filomena Zammit et.

*versus*

Francis Cremona.

**Bord tal-Kera — Provi — Appell — Art. 204(2) tal-Kap. 15.**

*Wara l-għeluq tas-smiegħ tal-kawża ma jistgħux jingiebu provi oħra ħlief għal raġuni tajba u bil-permess tal-Qorti.*

*Billi l-Bord tal-Kera, wara li ġiet magħluqa t-trattazzjoni tal-kawża, ikun ċaħad it-talba biex jingiebu provi oħra, avvolja*

*d-domanda għal daqshekk tkun saret b'rikors preżentat dak inhar stess li l-kawża ġiet differita għas-sentenza, b'daqshekk il-Bord ma jkunx iddeċieda xi punt ta' liġi, u dik is-sentenza mhix appellabbli.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jiġi awtorizzat jirriprendi pussess tal-garage 134 St. Paul's Street, St. Paul's Bay, billi l-intimat biddel id-destinazzjoni tal-fond, u subordinatament għaliex għandhom bżonnu għalihom stess;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tas-27 ta' Ġunju 1961, li biha ċaħad it-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; wara li kkunsidra;

*Omissis;*

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li bih appellaw minn dik is-sentenza u talbu li tiġi revokata, u li t-talbiet tagħhom jiġu milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Fil-fehma tal-Qorti, is-sentenza tal-Bord mhix appellabbli;

L-ilment tal-appellanti hu illi ma ġietx mogħtija lilhom l-opportunità li jġibu xi provi li, kieku nstemgħu mill-Bord, kieku jistgħu jwassluh għal konklużjoni diversa. It-talba tagħhom biex iġibu dawn il-provi saret wara li l-kawża kienet ġiet diġà differita għas-sentenza, għad li r-rikors ġie preżentat dak inhar stess tas-seduta li fiha kien sar dan id-differiment. Skond il-liġi, wara l-għeluq tas-smiegħ tal-kawża ma jistgħux jinġiebu provi oħra, ħlief għal raġuni tajba u bil-permess tal-Qorti (art. 204(2) Kod. Proċ. Ċiv.). Anki kieku, għall-grazzja tal-argument, il-Bord uża din id-diskrezzjoni żbaljatament meta ċaħad it-talba tar-rikorrenti biex iġibu provi oħra, dan ma jġibx illi s-sentenza tal-Bord iddeċidiet xi punt ta' liġi li fuqu jista' jsir appell;

Jekk l-appellanti jħossu illi l-appellat ottjena s-sentenza tal-Bord favur tiegħu fuq provi foloz, ir-rimedju tagħhom jista' jkun ieħor, imma mhux dan l-appell;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddikjara l-appell irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.